



Brussell, 17 ta' Frar 2026
(OR. en)

14575/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0267(NLE)**

**PROBA 46
AGRI 536
WTO 99
DEVGEN 193
FORETS 106**

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3) u l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' ... (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali).

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) .../...²⁺, il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè tal-2022 (il-“Ftehim”) ġie ffirmat fi ...⁺⁺, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) Skont il-Ftehim, jenħtieġ li l-Unjoni, mal-approvazzjoni, tiddikjara l-kompetenza esklużiva tagħha fuq kwistjonijiet irregolati mill-Ftehim u tiddepożita dikjarazzjoni mad-Depożitarju.
- (3) Il-Ftehim u d-Dikjarazzjoni ta' Kompetenza mehmuża ma' din id-Deċiżjoni jenħtieġ li jiġu approvati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2026/... ta' ... dwar l-iffirmar tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè 2022 (ĠU C, ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 14572/25 u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Deċiżjoni fin-nota fqiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test id-data tal-iffirmar tal-Ftehim.

Artikolu 1

Il-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè (“il-Ftehim”) huwa b'dan approvat³.

Artikolu 2

Id-Dikjarazzjoni ta' Kompetenza meħtieġa mill-Artikolu 44(4) tal-Ftehim mehmuża ma' din id-Deċiżjoni hija b'dan approvata.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

³ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-...

DIKJARAZZJONI TA' KOMPETENZA TAL-UNJONI EWROPEA
F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 44(4)
TAL-FTEHIM INTERNAZZJONALI TAL-2022 DWAR IL-KAFÈ

F'konformità mal-Artikolu 44(4) tal-Ftehim Internazzjonali tal-2022 dwar il-Kafè, l-Unjoni Ewropea tiddikjara li, f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-kwistjonijiet irregolati mill-Ftehim jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea skont il-politika kummerċjali komuni u għalhekk l-Istati Membri mhux ser ikunu qed jirratifikaw il-Ftehim.
